Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Numru. 107/2002

PULIZIJA
SPETTUR SIMON GALEA
VS
GIUSEPPE BORG

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Giuseppe Borg, ta’ 50 sena, bin Emmanuele u Anna nee’ Scicluna, imwieled Naxxar fit-13 t’April 1951, u residenti Edelweiss, Triq is-Simblija, Naxxar, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 396851(M), u akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fit-28 ta’ Lulju 2000, u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bhala detentur tal-fond Edelweiss, fi Triq is-Simblija, Naxxar, jew bhala persuna li kellu f’idu l-imsemmi fond, b’mezzi qarrieqa, ikkommetta serq ta’ kurrent elettriku minn arlogg tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond, liema serq jammonta ghal hames mija u tmienja u


Qrati tal-Gustizzja

ghoxrin Lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm528.73), ghad-dannu tac-Chairman Enemalta Corporation, liema serq hu aggravat bil-hin, valur u mezz.

U aktar talli fl-istess zmien, ghamel hsara volontarja fil-makkinarju jew gumni tal-elettriku, jew ikkaguna telf ta' kurrent elettriku.

U aktar talli fl-istess zmien, ghamel hsara jew kisser xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provvista tal-elettriku jew sigilli taghhom.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta'htija, tapplika l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u dan illi l-hati jhallas l-ispejjez tal-esperti mahturin mill-Qorti, skond il-Kodici Kriminali.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 4) u tal-imputat (a fol 8) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda ta' PS 38 Paul Zahra  jirrizulta, a fol 12 et seq, illi fit-28 ta' Lulju 2000, ghal habta tal-ghaxra neqsin ghoxrin, kien irraporta Harry Buttigieg, Senior Supervisor mal-Korporazzjoni Enemalta, illi kien mar ibiddel 'meter' tad-dawl f'residenza ndikata fic-citazzjoni, u cioe' dik tal-imputat, u sab li l-'meter', tal-marka Gants, bin-numru 909851, kellu bicca mill-'gasket' nieqes u kellu sigilli foloz. Illi ghaldaqstant, huwa nforma lis-Superjuri tieghu u cioe' lill-Ufficjal Prosekutur. Giet imsejjha inkjesta Magisterjali.

Spettur Simon Galea, a fol 15 et seq, ikkonferma illi kien ghamel rapport lill-Magistrat Inkwirenti Dr Micallef Trigona, rigwardanti dan il-kaz. L-Ufficjal Prosekutur ikkonferma illi l-imputat kien qallu li huwa ma ghamel l-ebda hsara fil-'meter' tad-dawl. L-Ufficjal Prosekutur ma setax jiftakar illi kien l-imputat li kien talab ghall-impjegati tal-Enemalta biex jaghmlu din l-'inspection'.

Horace D'Anastasi, a fol 18 et seq, ikkonferma r-relazzjoni tieghu, esebita a fol 8 et seq tal-process verbal, u kkonferma l-konkluzjonijiet raggunti minnu. In kontro ezami, l-espert D'Anastasi kkonferma illi l-hsarat li huwa kkonstata fuq il-'meter' koncernat, setghu **saru sentejn qabel il-kaz**. L-espert ikkonferma wkoll illi l-imputat kien ghamel rapport dwar il-'meter' tad-dawl tieghu lill-Korporazzjoni Enemalta, u li baqa' jinsisti li huwa ma' baghbas ebda 'meter'.

Silvio Decelis, a fol 21, xehed, waqt li pprezenta 'record of consumption'**, li dan il-'meter' mhux biss waqaf imma jidher li tilef ukoll ir-'reading' tal-konsum**. Silvio Decelis ikkonferma illi huwa hadem l-istima tal-elettriku misruq, fuq ir-'record' tal-konsum tas-snin ta' qabel.

Harry Buttigieg, a fol 25, impjegat fil-Meter Section tal-Enemalta Corporation, stqarr illi kien ghamel spezzjoni fit-28 ta' Lulju 2000, fl-indirizz indikat fic-citazzjoni, flimkien ma' Charles Sghendo. Harry Buttigieg ma gharafx lill-imputat, u kkonferma li huwa kien ghamel spezzjoni fuq dan il-'meter' **ghaliex kellhom ilment mill-imputat biex imorru jbiddlu l-'meter'**. Illi sabu li dan il-'meter' kellu s-sigilli mbaghbsin, u mbaghad meta komplew jezaminaw, sabu li kellu brix mal-'cover', u li l-'cover' tal-istess 'meter' kien illevat. Ix-xhud Buttigieg ikkonferma li l-ilment kien sar biex jiccekjaw **il-'meter' tad-dawl ghaliex kienu qed jigu kontijiet gholjin**.

L-imputat Borg xehed illi huwa mpjegat mal-Universita' u li **'ghal zmien twil kont ex-membru tal-muzew, u ghamilt xi ghaxar snin ukoll nghix il-volontarjat fis-Sudan.'** (ara xhieda a fol 36). L-imputat Borg ikkonferma illi huwa kien mar joqghod f'dan il-fond fl-1998, u li qabel dan, kien joqghod persuna ohra, u cioe' certu Charles Cassar, illum mejjet. L-imputat xehed illi dan Charles Cassar kien anzjan u penzjonant, u kien jibza' mill-gass, u ghaldaqstant, l-'appliances' tieghu kienu kollha jahdmu bil-luce elettrika. Xehed illi meta kien dahal fl-indirizz indikat fic-citazzjoni u wasal l-ewwel kont, huwa rah wiehed normali, izda mat-tieni kont li kien ilahhaq mal-mitejn u

sebghin Lira Maltin (Lm270), ra illi kien hemm xi haga mhux normali.

Ghaldaqstant, huwa cempel Hal Luqa u talab zewg affarijiet, talab illi l-kont jinhadem fuq erba' persuni, u talab sabiex issir spezzjoni fuq il-'meter'. Din l-ispezzjoni filfatt qatt ma sehhet u kienu gew zewg kontijiet ohrajn li kienu filfatt iktar gholjin mill-kont precedenti, minkejja li l-adjustament fuq erba' min-nies kien sar. Filfatt il-kont kien 'l fuq minn tlett mitt Lira Maltin (Lm300), u ghaldaqstant, l-imputat rega' cempel lill-Enemalta u **'qabbduni ma' Mr Seychell'** (ara xhieda a fol 38), illi tah struzzjonijiet biex ma jhallasx il-kont sakemm ma jsiru l-verifiki fuq il-'meter'. Is-Sur Seychell ukoll irrefera lill-imputat ghal Silvio Decelis. L-imputat xehed illi filfatt huwa hekk ghamel, **izda xorta wahda hadd mill-impjegati tal-Enemalta ma mar jaghmel spezzjoni fuq dan il-'meter'**. L-imputat xehed illi rega' kellu jcemplilhom **xi darbtejn**, biex imbaghad tawh appuntament **wara li ghaddiet sena biex jispezzjonaw dan il-'meter'**.

Infatti, din l-ispezzjoni saret fis-sena 2000, u l-imputat Borg xehed illi sadanittant, huwa qatt ma' mess jew baghbas dan il-'meter', u li l-'meter' ma kellux l-ebda haga stramba fil-parti esterjuri tieghu. L-imputat ikkonferma illi saret l-ispezzjoni minn zewg impjegati tal-Enemalta, u dawn infurmawh illi dan il-'meter' kellu xi haga minn gewwa, u ssejhet inkjesta.

A fol 40, l-imputat jishaq li minn meta dahal fil-fond indikat fic-citazzjoni sakemm ma' hareg, **huwa bl-ebda mod ma' baghbas dan il-'meter'**. L-imputat stqarr bil-gurament illi huwa filfatt inghata l-opportunita' biex ihallas il-kontijiet pendenti, izda huwa ghazel li jikkontesta din il-kawza ghaliex ma kellu xejn fuq il-kuxjenza tieghu, u anzi ried li l-affarijiet jigu ccarati. L-imputat xehed illi huwa kien lest li jhallas ghal luce elettrika li huwa uza', **imma xejn aktar**.

Illi nel frattemp, huwa kellu bzonn ibiegh il-post, u ghaldaqstant, kellhom jithallsu l-kontijiet mal-Water Works sabiex isir dan. Il-ftehim sar filfatt ma' min xtara l-fond. L-imputat xehed, a fol 42, illi wara dan, huwa kien rega' mar

ikellem lis-Sur Decelis halli huwa jiccekja r-‘records’ tal-konsum tal-luce elettrika ghal rasu. Filfatt hekk sar, u s-Sur Decelis u s-Sur Seychell kienu tawh id-dokument EN. L-imputat ta spjegazzjoni tal-qari tal-konsum, (li tinstab a fol 35), fejn il-qari tat-tielet **‘reading’ kien infatti inqas minn dak tal-ewwel, u ta spjegazzjoni ghaliex**. Gara illi fl-ewwel ‘reading’, il-fond kien maghluq u l-‘meter reader’ ta kalkolu tieghu. Fit-tieni ‘meter reading’ dan kien sar permezz tar-‘reading by consumer’ u li ghaldaqstant, seta’ sar zball. **It-tielet ‘reading’, pero’ kien sar mill-‘meter reader’, li kien igib in-numru 20633.**

L-imputat xehed illi filfatt, huwa kif dahal fil-fond kien nehha l-forn u l-‘cooker’ tal-elettriku u ghamilhom tal-gass, izda zamm l-‘air conditioner’.

Joseph Seychell, a fol 50, ikkonferma illi l-imputat kien ghamel ilment dwar kontijiet ezagerati, u kkonferma illi dak iz-zmien, il-‘computer’ **kellu difett** illi meta l-‘computer’ johrog ‘an estimated reading’, dan **filfatt jidher li huwa ‘an actual reading’**. Infatti dak li gara f’dan il-kaz, u meta marru jfittxu r-‘records’, sabu illi filfatt l-‘actual reading’ li jidher fid-dokument esebit mill-imputat a fol 35, kien infatti ‘an estimated reading’. Is-Sur Seychell filfatt ikkonferma li l-kitba bil-biro li kien hemm fuq id-dokument a fol 35, kienet tieghu. Is-Sur Seychell ikkonferma illi min kien hemm fil-post precedentement ghall-imputat, kellu ‘readings’ baxxi hafna tal-konsum.

Joseph Seychell, a fol 63, xehed illi wara li biddel il-‘meter’, iz-zewg kontijiet tal-elettriku filfatt kienu kontijiet normali u moderati, cioe’ wiehed ta’ seba’ Liri Maltin (Lm7) u l-iehor ta’ dsatax-il Lira Maltin (Lm19). Seychell ikkonferma li huwa habib tal-imputat u li huwa mexa bl-istess manjiera bhal min jigi ghandu ghal revizjoni tal-kontijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi fuq prodotti, jidher bic-car illi dak li gie allegat mix-xhud Silvio Decelis fl-ewwel xhieda tieghu, kien rizultat ta’ zball genwin, fis-sens li d-diskrepanzi apparenti

fit-tlett ‘readings’ tal-kontijiet tad-dawl, kien ibbazat fuq difett tal-computer, fejn l- ‘estimated reading’ jintwera bhala ‘actual reading’.

Illi kif spjega x-xhud Seychell u l-imputat, sapportati bid-dokument EN u l-‘computer print out’ a fol 35, ma kien hemm infatti ebda diskrepanzi li rrizultaw bhala stat ta’ fatt.

Illi ghaldaqstant, zgur illi ma jirrizultax serq ta’ elettriku f’dan il-kaz.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------